# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 232/2017 MH**

**Illum, 29 ta' Marzu, 2019**

**L-Avukat Dr Joseph Camilleri (384279M) bħala mandatarju speċjali ta' Azco International Finance Group Inc, soċjeta' estera reġistrata l-Anguilla bin-numru 2057706, u Calamatta Cuschieri Investment Services Ltd għal kull interess li jista' jkollha**

**vs**

**Grupo Pefaco SL, soċjeta' estera reġistrata fi Spanja, bin-numru B-61785408**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat** tal-attur noe tal-15 ta' Marzu 2017 li permezz tiegħu ippremetta:

1. *“Illi s-soċjeta’ attriċi* ***Azco International Finance Group Inc*** *hija proprjetarja ta’ ishma fis-socjeta Pefaco International PLC (soċjeta’ reġistrata Malta bin-numru C-65718) u dan tramite nominee company – Calamatta Cuschieri Investment Services Limited (C-13729) – li żżomm l-imsemmija ishma f’isimha.*

2. *Illi permezz ta’ konvenju li sar bejn is-socjeta attrici Azco International Finance Group Inc u s-socjeta konvenuta Group Pefaco SL ta’ 19 ta’ Ottubru 2016 (kopja tiegħu hawn annessa u mmarkata* ***Dok A1)****, is-socjeta’ konvenuta obbligat ruħha tħallas lis-socjeta attrici Azco International Finance Group Inc l-Purchase Price mat-twettiq tal-kondizzjoni sospensiva ndikata fl-istess ftehim (ċjoe il-konkluzjoni tal-Genesis Sale of Shares Agreement bejn is-socjeta’ konvenuta u bejn Genesis PFC soċjeta’ estera reġistrata l-Mauritius bin-numru 134001C1/GBL) u takkwista l-ishma fuq imsemmija miżmuma mill-istess socjeta’ attriċi fis-socjeta Pefaco International PLC tramite nominee company Calamatta Cuschieri Investment Services Limited (C-13729).*

3. *Illi skont il-ftehim, l-okkorrenza ta’ din il-kundizzjoni (fid-data hekk imsejħa Fulfilment Date) kellha sseħħ sal-15 ta’ Frar, 2017, id-data hekk imsejħa Long-Stop Date fil-ftehim.*

4. *Illi s-socjeta’ konvenuta giet interpellata sabiex taddivjeni għall-ħlas tal-Exit Price u x-xiri u l-akkwist ta l-ishma miżmuma mis-socjeta Genesis PFC f'isimha proprju u għan-nom tal-Genesis Consortium f’Pefaco International PLC, bil-pattijiet u l-kundizzjonijiet kollha miftiehma fil-konvenju li sar bejn inter alia Genesis PFC f'isimha proprju u għan-nom tal-Genesis Consortium u s-socjeta’ konvenuta kif emendat (kopja tiegħu u tal-Addenda hawn annessi u*

*mmarkati **Dok A2, Dok A3 u Dok A4)** permess ta' ittra ufficjali datata 13 ta' Frar, 2017 (kopja tagħha hawn annessa u mmarkata **A5)**;*

5. *Illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex taddivjeni għall-ħlas tal-Purchase Price u x-xiri u l-akkwist ta l-ishma miżmuma mill-istess socjeta' attriċi f'Pefaco International PLC, bil-pattijiet u l-kundizzjonijiet kollha miftiehma fil-konvenju li sar bejn il-partijiet permess ta' ittra ufficjali datata 13 ta' Frar, 2017 (kopja tagħha hawn annessa u mmarkata **Dok A6)**;*

6. *Illi bil-ksur tal-ftehim li sar bejn inter alia Genesis PFC f'isimha proprju u għan-nom tal-Genesis Consortium u s-socjeta' konvenuta kif emendat, l-intimata naqset taddivjeni, kemm qabel kif ukoll wara l-15 ta' Frar, 2017, ghall-hlas tal-Exit Price u l-akkwist ta l-ishma miżmuma mis-socjeta Genesis PFC f'isimha proprju u għan-nom tal-Genesis Consortium f'Pefaco International PLC u konsegwentement gie frustrat il-process u l-kuntratt li sar bejn is-socjeta' attriċi u s-socjeta' konvenuta;*

7. *Illi l-intimata naqset taddivjeni ukoll għall-ħlas tal-Purchase Price u x-xiri u l-akkwist ta l-ishma miżmuma mill-istess socjeta' attriċi f'Pefaco International PLC kemm qabel kif ukoll wara l-15 ta' Frar, 2017;*

8. *Illi f'dan ir-rigward, kontestwalment qiegħda tiġi ntavolata kawża fl-ismijiet l-Avukat Joseph Camilleri nomine et. Vs Grupo Pefaco SL li biha l-atturi f'dik il-kawża qed jitolbu illi l-konvenuta tiġi ordnata taddivjeni għall-ħlas tal-Exit Price u x-xiri u l-akkwist ta l-ishma miżmuma mis-socjeta Genesis PFC f'isimha proprju u għan-nom tal-Genesis Consortium f'Pefaco International PLC, kif fuq imsemmi;*

9. *Illi l-intimata naqset ukoll illi tonora l-obbligi tagħha ai termini tal-ftehim bejn l-attriċi u l-konvenuta b'dan illi m'addivjenietx għall-akkwist tal-ishma miżmuma mill-attriċi kif fuq imsemmi*

10. *Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza*

*Ghaldaqstant, in vista tal-premess, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarju u opportuna, l-atturi jitolbu umilment li dina l-Onorabbli Orati togħgobha:*

*(i) Tiddikjara li s-socjeta' konvenuta hija marbuta li tixtri u takkwista l-ishma miżmuma mill-istess socjeta' attrici (tramite n-nominee Company Calamatta Cuschieri Investment Services Limited) bil-pattijiet u l-kundizzjonijiet kollha miftiehma fil-konvenju fuq ċitat ta' 19 ta' Ottubru 2016.*

*(ii) Tordna lis-socjeta' konvenuta sabiex taddivjeni għax-xiri tal-imsemmija ishma bil-pattijiet u l-kundizzjonijiet miftiehma, fosthom illi l-konvenuta tħallas lil Calamatta Cuschieri Investment Services Limited l-Purchase Price miftiehma fil-konvenju fuq ċitat ta' 19 ta' Ottubru 2016.*

*(iii) Konsegwentement, tawtoriżża għal dan il-għan lil Calamatta Cuschieri Investment Services Limited sabiex, kif tircievi l-Purchase Price minn Grupo Pefaco SL, tesegwixxi l-off market trade tal-ishma miżmuma mill-istess socjeta' attriċi f'Pefaco International PLC kontemporanjament mar-rilaxx tal-fondi lill-istess socjeta' attriċi.*

*Bl-ispejjeż inkluz dawk tal-ittri ufficjali tat-13 ta' Frar, 2017 u, jekk ikun il-każ, bl-imgħaxijiet skond il-liġi."*

Rat illi s-soċjeta' konvenuta Grupo Pefaco SL debitament notifikata bir-rikors ġuramentat ma ppreżentat ebda risposta u għalhekk baqgħet kontumaċi.

Rat il-provi kollha mressqa.

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet tal-partijiet u semgħet it-trattazzjoni finali tad-difensuri tagħha.

Rat illi l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

L-attur noe intavola l-proċeduri odjerni għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' AZCO International Finance Group Inc., sabiex jitlob lill-Qorti tordna lis-soċjeta' konvenuta Grupo Pefaco SL tixtri l-ishma miżmuma mis-soċjeta' attriċi f'Pefaco International plc *a tenur* tal-ftehim iffirmat bejn iż-żewġ partijiet fid-19 ta' Ottubru 2016.

# PROVI

1. Xehed **David Harry Shimkins**[1], impjegat ta' Genesis Capital Partners, grupp t'investiment bażat fis-Sud Afrika. L-isfond tiegħu huwa fil-qasam tal-accounting u huwa membru fis-*South African Institute of Chartered Accountants*. Bħala parti mit-*team* ta' *Genesis Capital Partners* huwa jassisti u jagħti pariri lil investituri u jirrappreżentahom bħala direttur fuq bordijiet ta' kumpaniji li l-grupp tagħhom jew l-investituri li jirrappreżentaw ikollhom ishma fihom.

Fis-sena 2015, hu flimkien ma' kollega tiegħu minn  Genesis Capital Partners, ċertu Greg Kinross kienu nvoluti f'taħdidiet u negozjati ma' rappreżentanti tas-soċjeta' konvenuta - il-kumpanija' spanjola Grupo Pefaco SL ("GPSL") li hija l-azzjonista fundatriċi tas-soċjeta' Pefaco International PLC ("Pefaco"). Pefaco hija reġistrata f'Malta u topera fl-industrija tad-divertiment u l-logħob bi preżenza qawwija fl-Afrika tal-Punent. Hu u Greg kienu qed jirrappreżentaw numru ta' nvestituri li kienu nteressati li jsiru azzjonisti ta' Pefaco prinċipalment permezz tal-ħruġ ta' ishma ġodda. Din iż-żieda fil-kapital kienet intiża li tiffinanzja l-espansjoni ta' Pefaco fi swieq ġodda.

Id-diskussjonijiet mal-azzjonisti ta' Pefaco fil-fatt wasslu għall-akkwist ta' ishma f'Pefaco minn numru ta' nvestituri li huma kienu qegħdin jirrappreżentaw. L-akkwist sar parzjalment tramite l-ħruġ ta' ishma ġodda f'Novembru 2015 u l-bqija permezz tax-xiri ta' ishma eżistenti. Il-grupp ta' nvestituri kien immexxi minn Genesis PFC ("Genesis"), kumpanija reġistrata fil-Mauritius. Genesis hija sussidjarja ta' GCP International (ukoll kumpanija reġistrata fil-Mauritius) li

[1] Affidavit a fol 42 et seq

minn naħa tagħha hija sussidjarja ta' *Genesis Capital Partners (Pty) Ltd*. It-tlieta li huma jiffurmaw parti minn *Genesis Capital Partners Group*.

L-ishma kienu sottoskritti għal u/jew akkwistati u għadhom f'idejn *nominee* Company maltija bl-isem ta' Calamatta Cuschieri Investment Services Ltd ("Calamatta"). Per konsegwenza, Calamatta hija legalment is-sid reġistrat ta' 6,705,115 ishma ordinarji "A" ta' valur nominali ta' €1.50 kull sehem f'Pefaco għall-liema hija ssottoskriviet fis-somma ta' €15,000,000 bħala *nominee* għal dawn il-persuni (kollettivament indikati bħala *Genesis Consortium*) f'numru ta' ishma diversi: Genesis, AMB Capital Ireland Ltd, Jamrae Capital Corp, Refucan Ltd, Warren Friedland, Mondo Investments and Finance Ltd, Evan Gregory Hoff, Andrew James Reader, Shane Thompson u Bellerive Capital (BCP) Ltd.

Ix-xhud esibixxa dokument li jelenka fost oħrajn l-ishma li Calamatta bħala nominee Company f'isem kull wieħed mill-membri tal-Genesis Consortium[2]

Huwa qal ukoll li kien hemm investitur ieħor li għalkemm ma' kienx membru tal-*Genesis Consortium* kien ukoll sieħeb fin-negozju ta' *Genesis Capital Partners* li kien ukoll rappreżentat minnhom u kien ukoll sottoskritt għall-ishma f'Pefaco (tramite Calamatta bħala *nominee shareholder*). Dan l-investitur kien Azco International Finance Group Inc, reġistrat skont il-liġijiet ta' Anguilla ("Azco"). Tramite Calamatta, Azco huwa s-sid benefiċjarju ta' 445,125 ishma ordinarji f'Pefaco.

[2] Dok DS1 a fol 98 et seq

Mal-akkwist ta' dawn l-ishma f'Pefaco, x-xhud u Greg Kinross ġew appuntati diretturi fuq il-Bord ta' Pefaco in rappreżentanza tal-*Genesis Consortium*.

Fl-2016 il-membri tal-*Genesis Consortium* kienu avviċinati minn GPSL innifisha biex ibigħu l-ishma li kienu akkwistaw f'Pefaco. Għal dan il-għan u in segwitu għal negozjati ma' GPSL (prinċipalment mal-azzjonist/direttur Olivier Cauro), Genesis u GPSL daħlu f'konvenju ta' bejgħ ta' isħma li huwa suġġett għall-liġijiet Maltin u l-ġurisdizzjoni ta' Malta. Dan il-ftehim huwa datat 19 t'Ottubru 2016[3]. Essenzjalment dan il-ftehim ta' bejgħ ta' ishma ("*the Genesis Agreement*") kien jirregola l-*exit price*. Dan il-ftehim kien jistipula li sat-23 ta' Novembru 2016 Genesis kellha tiddepożita d-Dokumenti tat-Titolu għall-ishma ma' Calamatta bħala aġent ta' Escrow filwaqt li GPSL kellha tiddepożita ma' Calamatta l-istruzzjonijiet tat-trasferiment/strumenti ta' trasferiment tal-ishma flimkien mas-somma ta' €2,000,000 (klawsola 4.2). Sar qbil ukoll li l-bilanċ tal-*exit price* kellu jiġi depożitat sa mhux aktar tard mill-*"Long-Stop Date"* indikata fl-istess ftehim u ċioe' sa' 1700CET nhar il-15 ta' Frar 2017 (klawsola 4.3).

Ix-xhud irrefera wkoll għal parti numru 5 tal-*Genesis Agreement* (intitolat Bejgħ u Xiri) li tistipula r-rimedji jekk xi ħadd miż-żewġ partijiet jonqos milli jonora l-obbligi tiegħu u jagħmel anke referenza għal artikoli tal-liġi Maltija fuq konvenji filwaqt li jipprovdu rimedji addizzjonali għaż-żewġ partijiet f'każ ta' ksur tal-ftehim mill-kontro-parti. F'dan il-kuntest, klawsola 5.3 tipprevedi, inter alia, penali ta' €2,000,000 bħala danni pre-likwidati b'żieda mal-*exit price* f'każ li GPSL jonqsu milli jħallsu l-*Exit Price* sal-*Long-Stop Date*.

---

[3] Dok DS 2 a fol 107 et seq

Wara l-iffirmar tal-*Genesis Agreement*, ġew iffirmati żewġ Addenda bejn Genesis u GPSL. Fl-ewwel Addendum tat-8 ta' Novembru 2016[4], l-ewwel annex tal-ftehim ġie rimpjazzat b'annex ġdid li juri l-lista tal-membri tal-konsorzju u n-numru rispettiv ta' ishma li kellhom[5]. It-tieni Addendum huwa datat 23 ta' Diċembru 2016[6] u ntroduċa diversi emendi għal-klawsoli oriġinali, inkluż klawsola 5, imma b'mod aktar sinifikanti Calamatta bħala *nominee shareholder* nnifisha dehret bħala parti fuq il-ftehim u assumiet ċerti drittijiet u obbligi.

B'mod distint mill-*Genesis Agreement*, Azco daħlet f'konvenju datat 19 t'Ottubru 2016[7] għall-bejgħ tal-ishma tagħha f'Pefaco (*Azco Agreement*). Essenzjalment l-*Azco Agreement* jestabilixxi li GPSL intrabtet li takkwista s-sehem ta' 445,125 ishma ordinarji li Azco kellha f'Pefaco għall-*purchase price* ta' €1,145,759, liema *purchase price* (kif definit f'*Azco Agreement*) jiżdied kif hemm stipulat. Jista' jingħad li l-*Azco Agreement* huwa *back-to-back* mal-*Genesis Agreement* fis-sens li GPL intrabtet li tħallas il-*Purchase Price* malli tiġi sseħħ il-kundizzjoni suspensiva indikata fl-*Azco Agreement* u ċioe' l-konklużjoni tal-*Genesis Agreement* permezz ta' trasferiment ta' ishma u ħlas tal-*Exit Price* kif stipulat fil-*Genesis Agreement*.

Genesis onorat l-obbligi assunti skont il-*Genesis Agreement*, partikolarment għal dak li jirrigwarda d-depożitu tad-dokumenti tat-titolu ma' Calamatta bħala aġent ta' Escrow. Madankollu, aktar ma' l-*Long-Stop Date* bdiet toqrob aktar bdiet tiġi ovvja tramite l-komunikazzjonijiet ma' Olivier Cauro li,

---

[4] Dok ADD 1 a fol 135 et seq
[5] Fol 35 et seq
[6] Dok ADD 2 a fol 142 et seq
[7] Dok DS 3 a fol 158 et seq

preżumibilment minħabba diffikultajiet finanzjarji, GPSL ma kinitx ser tonora t-termini tal-ftehim, partikolarment il-ħlas tal-*Exit Price* sal-*Long-Stop Date*.

Saru taħdidiet bil-għan li tinstab soluzzjoni għal din is-sitwazzjoni li kienet qed tiżviluppa. Madankollu, meta l-*Long-Stop Date* qorbot u GPSL kienu għadhom ma ddepożitawx l-*Exit Price*, Genesis intavolat ittra uffiċjali datata 13 ta' Frar 2017[8] sabiex tissalvagwardja d-drittijiet u r-rimedji tagħha skont il-liġi Maltija u dan billi nterpellat lil GPSL ħalli jagħmlu l-ħlas tal-*Exit Price* u biex jixtru u jakkwistaw l-ishma li Genesis PFC u l-Genesis Consortium kellhom fil-kumpanija Pefaco International PLC a bażi tat-termini u kundizzjonijiet stipulati fil-*Genesis Agreement*. Peress li l-*Azco Agreement* kien jiddependi fuq il-*fulfilment* tal-Genesis Agreement, Azco preżentaw ittra uffiċjali simili li ġġib l-istess data[9].

GPSL baqgħet m'għamlitx il-ħlasijiet tal-*Exit Price* u lanqas xtrat u akkwistat l-ishma ta' Genesis u/jew Azco kif issemma la qabel u lanqas wara l-15 ta' Frar 2017.

B'riżultat ta' dan, kompla jgħid ix-xhud, kemm Genesis kif ukoll Azco intavolaw proċeduri separati quddiem il-Qrati Maltin bin-numru 231/17SM u 232/17MH rispettivament.

2. Xehed **Nick Calamatta**[10] li mistoqsi dwar id-dokumenti esebiti mar-rikors maħluf A1, A2, A3 u A4 wieġeb li Calamatta Cuschieri Investments Co. Ltd

[8] Dok DS 4 a fol 165 et seq
[9] Dok DS 5 a fol 170 et seq
[10] Fol 179 et seq

kienet qed iżżomm ix-shares bħala nominee company, għas-share divider li wieħed minnhom kien ATSKO (AZCO) International. Qal li dawn is-shares setgħu jigu rilaxxati biss darba li l-kundizzjonijiet kollha tal-ftehim avverew ruħhom. Żid li l-agreement qatt ma kien ġie implimentat. Qal ukoll li ebda flus ma daħlu fil-kont.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Jiġi sottolineat *in primis* li kif inhuwa rassodat fil-ġurisprudenza, għalkemm is-soċjeta' konvenuta baqgħet kontumaċi u m'hemmx dubju li dan jekwivali għal dispett lejn is-sejħa tal-Qorti biex jidher quddiemha, dan ma jagħtix awtomatikament il-*via libera* lis-soċjeta' attriċi li takkwista l-akkoljiment tat-talbiet tagħha faċilment u mingħajr provi. Dan peress huwa tenut lil kontumaċja mhijiex meqjusa bħala ammissjoni iżda xorta hi kontestazzjoni tal-pretensjonjiet attriċi. Isegwi li s-soċjeta' attriċi xorta kellha tressaq provi li jikkonvinċu lil din il-Qorti, almenu sal-grad ta' probabilta', li t-talbiet tagħha jimmeritaw li jiġu akkolti. F'kull każ, is-soċjeta' konvenuta, anke jekk bil-kontumaċja tagħha tilfet id-dritt li tressaq provi xorta kienet intitolata li tagħmel sottomissjonijiet dwar il-każ, kif fil-fatt seħħ fil-każ odjern.

Ingħad hekk fil-każ **Helen Miceli et vs Carmelo sive Charles Pisani deċiż fit-28 t'Ottubru 2004**[11] **-**

*"Illi, kif ġie deċiż minn dawn il-Qrati għadd ta' drabi, il-kontumaċja m'għandhiex titqies bħala stqarrija jew ammissjoni min-naħa tal-imħarrek għal dak li jkun qiegħed jintalab jew jiġi allegat kontrih mill-parti attriċi: għall-*

[11] Ċit 1761/01

*kuntrarju, il-kontumaċja tqieset bħala kontestazzjoni, u l-bdil li sar fil-ligi procedurali fl-artikolu 158 bl-Att XXIV tal-1995 jidher li jtenni din il-fehma. Min naħa l-ohra, l-istitut tal-kontumaċja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imħarrek, bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb għax-xilja u t-talba tal-parti attriċi, ikun wera dispett lejn is-sejħa tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-liġi tħares lejh bħala għamil li jistħoqqlu piena - dik li ma jkunx jista' jindaħal fit-tressiq ta' provi - bħala element ta' disordni soċjali;"*

Fil-każ **Carmel Schembri et vs Doriane Zerafa deċiż fit-12 ta' Lulju 2001**[12] ingħad hekk –

*"Illi huwa prinċipju bażilari fil-ġurisprudenza nostrali li min jallega fatt għandu l-oneru tal-prova tiegħu, u applikat dan il-prinċipju għall-każ odjern ifisser li l-atturi għandhom il-piż li jippruvaw li l-konvenuta kienet responsabbli tal-inċident tal-1 ta' Novembru 1997 f'Triq Guże Pace, il-Ħamrun, meta il-minuri Anthony Schembri safa' investit mill-karozza BAT-563.*

*Illi dan l-istess atturi għandhom l-oneru li jagħmluh nonostante li l-konvenuta baqgħet kontumaċi, stante li l-kontumaċja ma hijiex ammissjoni iżda opposizzjoni, u għalhekk xorta l-atturi jridu jipprovaw l-allegazzjonijiet minnhom vantanti u partikolarment li l-inċident de quo ġara minħabba negliġenza da parte tal-istess konvenuta."*

Ferm il-premess, il-Qorti tinnota li s-soċjeta' konvenuta stiednet lill-Qorti biex tiskarta uħud mid-dokumenti li kienu annessi mar-rikors ġuramentat u li dwarhom, skont l-istess soċjeta', ma nġiebet ebda prova dwar l-awtentiċita'

[12] Ċit 2446/98

tagħhom[13]. Dawn id-dokumenti huma: il-konvenju tad-19 t'Ottubru 2016 bejn is-soċjeta' attriċi u dik konvenuta (Dok A1); il-konvenju datat ukoll 19 t'Ottubru 2016 bejn Genesis PFC noe u s-soċjeta' konvenuta kif ukoll l-*addenda* li saru għalih fit-8 ta' Novembru 2016 u t-23 ta' Diċembru 2016 (Dok AS2, Dok AS 3 u Dok AS 4 rispettivament).

Il-Qorti pero' tqis li dan l-argument tas-soċjeta' konvenuta mhuwhiex wieħed ġustifikat. Kif irriżulta mill-atti, vera kopja ta' dawn id-dokumenti appena msemmija ġiet annessa mal-affdavit ta' David Harry Shimkins a fol 107 et seq. Oltre l-fatt li l-affidavit flimkien mad-dokumenti annessi miegħu ġew koperti bil-ġurament mill-istess Shimkins quddiem nutar pubbliku ġewwa s-Sud Afrika[14], dan ix-xhud reġa ħalef bil-ġurament għall-fini u effetti kollha tal-liġi l-istess affidavit bid-dokumenti annessi miegħu quddiem kummissarju tal-ġuramenti f'Malta.

B'hekk il-pożizzjoni tas-soċjeta' konvenuta dwar dawn id-dokumenti hija għal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt.

**MERTU**

Ir-riżoluzzjoni tal-vertenza odjerna ddur maż-żewġ konvenji li ġew iffirmati fid-19 t'Ottubru 2016 u l-addenda li saru għal wieħed minnhom.

Huwa paċifiku li fid-19 ta' Ottubru 2016 ġie ffirmat konvenju għall-bejgħ tal-ishma bejn is-soċjeta' Genesis PFC u Grupo Pefaco SL bil-pattijiet u l-

[13] Fol 187 et seq – Nota ta' Sottomissjonijiet tas-soċjeta'
[14] Fol 97

kundizzjonijiet hemm indikati. Saru wkoll żewġ addenda għal dan il-ftehim, wieħed datat 7 ta' Novembru 2016 permezz ta' liema saru emendi għall-ewwel ftehim u t-tieni wieħed datat 22 ta' Diċembru 2016 li fih kienet parti wkoll Calamatta Cuschieri Investment Services Ltd li kellha *nominee shares* għal diversi entitajiet u ndividwi. Id-dettalji tal-klawsoli l-aktar rilevanti għall-fini tal-kawża odjerna, kemm tal-konvenju kif ukoll tal-iskop tal-addenda diġa ġew riprodotti fis-sinteżi tax-xhieda ta' David Harry Shimkins.

Fid-19 ta' Ottubru 2016 ukoll ġie ffirmat konvenju ieħor, dak bejn is-soċjeta' attriċi *qua* bejjiegħ u s-soċjeta' konvenuta *qua* xerrej u dan għal bejgħ ta' ishma fl-istess soċjeta' konvenuta.

Il-bażi tal-pretensjoni attriċi hija li skont il-ftehim iffirmat bejnha u bejn dik konvenuta huma għażlu li jobbligaw ruħhom għal bejgħ u xiri ta' ishma miżmuma mis-soċjeta' attriċi. Minkejja li kienet is-soċjeta' konvenuta li ssuġġeriet u rsistiet għall-konklużjoni ta' dan il-ftehim, aktar ma bdiet toqrob il-*Long-Stop Date* aktar dehret manifesta li s-soċjeta' konvenuta, presumibilment minħabba diffikultajiet finanzjarji, ma kinitx ser tirrispetta t-termini tal-ftehim imsemmi. Infatti li tali bejgħ għadu ma sarx huwa unikament imputabbli lis-soċjeta' konvenuta. Is-soċjeta' attriċi tinsisti li ma hemm xejn x'jindika li dan il-bejgħ ma setax isir għal xi raġuni valida li l-konvenuta ma kellhiex kontroll fuqha. B'hekk għas-socjeta' attriċi l-atteġjament tas-soċjeta' konvenuta jikkostitwixxi ksur tal-ftehim bejn il-partijiet anke għax hija kienet marbuta bil-ftehim u anke skont prinċipji ta' *bona fide*, li tagħmel dak kollu meħtieġ biex tonora l-obbligazzjonijiet miftiehma u ma tistax tippretendi li tiskapula tali obbligazzjonijiet tramite omissjonijiet u/jew azzjonijiet unilaterali tagħha.

Minn naħa tagħha s-soċjeta' konvenuta tirribatti li d-dritt vantat mis-soċjeta' attriċi safa estint minħabba l-verifika ta' kundizzjoni riżoluttiva. Dan peress li l-ftehim bejn is-soċjeta' attriċi u dik konvenuta kien dipendenti u subordinat għall-ftehim l-ieħor ta' bejn is-soċjeta' konvenuta u l-*Genesis Consortium* u dan partikolarment in vista tal-klawsola 2.1 tal-ftehim bejn il-kontendenti fil-kawża odjerna. Peress li fil-15 ta' Frar 2017 u ċioe' fil-*Long-Stop date* il-ftehim bejn is-soċjeta' konvenuta u l-Genesis Consortium ma kienx ġie *fully implemented* allura l-obbligi kuntrattwali naxxenti bejn il-kontendenti fil-kawża odjerna ġew xolti.

Esposti l-pożizzjonijiet rispettivi tal-partijiet, il-Qorti tagħmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet –

1. **L-artikolu 1063 tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi hekk dwar il-kundizzjoni suspensiva–

*"(1) Il-kondizzjoni suspensiva hija dik illi tagħmel l-eżistenza tal-obbligazzjoni tiddependi minn ġrajja li għad trid tiġri u li mhix żgura.*

*(2) L-obbligazzjoni taħt kondizzjoni suspensiva ma teżistix qabel ma l-ġrajja tiġri."*

Huwa ċar li allura kundizzjoni suspensiva hija dik li ttawal l-implimentazzjoni ta' obbligazzjoni assunta, f'dan il-kaz it-trasferiment u l-akkwist ta' l-ishma, sakemm l-istess kundizzjoni miftehma tiġi implimentata.

2. Il-konvenju tad-19 t'Ottubru 2016 bejn is-soċjeta' attriċi u dik konvenuta kien fil-fatt suġġett għal kundizzjoni suspensiva li tgħid hekk (klawsola 2) –

*"2. Suspensive Condition*

*2.1 The whole of this Agreement (other than 1, this 2 and 7 to 8 (both inclusive), by which the Parties are hereby bound with effect from the date of signature of this Agreement by the Party signing last in time) is subject to the fulfilment of the suspensive condition that, on or before the Long-Stop Date, the Genesis Sale of Shares Agreement will have been signed and been fully implemented in accordance with its terms.*

*2.2 The suspensive condition in 2.1 is stipulated for the benefit of both Parties and Genesis, who collectively but not individually will be entitled, in writing only, to waive fulfilment of this suspensive condition, or extend the date by which it is to be fulfilled on one or more occasions, provided that such suspensive condition may not be waived and the date by which it is to be fulfilled may not be extended without the prior written consent of Genesis.*

*2.3 If the suspensive condition is not fulfilled for any reason whatsoever, and is not waived in terms of 2.2 then –*

*2.3.1 this Agreement (other than 1, this 2 and 7 to 8 (both inclusive), by which the Parties will remain bound) will cease to be of any force and effect;*

*2.3.2 the Parties will be restored as near as may be possible to the positions in which they would have been had this Agreement not been entered into; and*

*2.3.3 neither Party will have any claim against the other as a result of the failure of the suspensive condition, except for any claims as may arise from a breach of this 2 or from any other provision of this Agreement by which the Parties remain bound."*

3. Din il-klawsola għalhekk turi li, salv għall-klawsoli li jirrigwardaw id-definizzjonijiet (klawsola 1), il-klawsola dwar il-kundizzjoni suspensiva (klawsola 2), dik dwar il-kunfidenzjalita' (klawsola 7) u dik ġenerali (klawsola 8), il-ftehim bejn is-soċjeta' attriċi u dik konvenuta kien marbut ma' kondizzjoni suspensiva. Din il-kundizzjoni kienet li dakinhar jew qabel il-15 ta' Frar 2017 (u ċioe' l-*Long-Stop Date*, il-ftehim bejn is-soċjeta' Genesis PFC u s-soċjeta' konvenuta (permezz ta' liema Genesis tbiegħ l-ishma tagħha fil-kumpanija lis-soċjeta' konvenuta) **ikun ġie ffirmat u mplimentat b'mod sħiħ skont dak l-istess ftehim.**

4. Dan il-fatt huwa naturalment rikonoxxut ukoll mis-soċjeta' attriċi stess, tant li x-xhud imressaq minnha David Harry Shimkins xehed li l-ftehim bejn il-kontendenti fil-kawża odjerna kien wieħed *"back-to-back"* mal-ftehim l-ieħor bejn Genesis PFC u s-soċjeta' konvenuta *"in the sense that GPSL bound itself to pay the Purchase Price upon the fulfilment of the suspensive condition indicated in the Azco Agreement, namely the conclusion of the Genesis*

*Agreement through the transfer of shares and payment of the Exit Price as stipulated in the Genesis Agreement*[15]*."*

5. Ma hemm ebda kontestazzjoni bejn il-partijiet li t-trasferiment tal-ishma u l-ħlas tal-*Exit Price* indikat fil-*Genesis Agreement* **ma seħħewx sal-*Long-Stop Date***. Ix-xhud Shimkins ikompli jixhed hekk –

*"GPSL did not proceed to make the payment of the Exit Price and to purchase and acquire the shares of Genesis and/or Azco as aforementioned either before or after the 15 February 2017*[16]*."*

Kienet proprju din l-inadempjenza li, kif ammess mis-soċjeta' attriċi stess, wasslet biex jinbdew il-proċeduri odjerni proprju biex tenforza l-konvenju ffirmat mas-soċjeta' konvenuta[17].

6. Huwa proprju in vista ta' din l-inadempjenza msemmija pero' li l-Qorti tirriskontra l-ostaklu għall-akkoljiment tal-pretensjonijiet attriċi. Hija l-fehma ferma tal-Qorti li l-klawsola 2 tal-konvenju bejn il-partijiet tirregola b'mod inekwivoku u ċar x'inhuma l-konsegwenzi pattwiti f'dawn iċ-ċirkustanzi u ċioe' jekk il-kundizzjoni suspensiva ma tiġix onorata. Il-kliem ta' l-isemmi riprodott **artikolu 2** fil-fehma tal-Qorti ma jagħti lok għal ebda interpretazzjoni oħra.

Issir referenza qabel xejn għall-**artikolu 1002 tal-Kodiċi Ċivili** li jgħid -

---

[15] Fol 95-96
[16] Fol 96
[17] Fi proċeduri quddiem din il-Qorti diversament preseduta s-soċjeta' attriċi qegħda titlob li s-soċjeta' konvenuta tiġi ordnata tgħaddi għall-ħlas tal-Exit Price u x-xiri u l-akkwist tal-ishma miżmuma minn Genesis PFC noe f'Pefaco International PLC (Nota ta' Sottomissjonijiet a fol 182)

*"Meta l-kliem ta' konvenzjoni, meħud fis-sens li għandu skont l-użu fiż-żmien tal-kuntratt, hu ċar, ma hemmx lok għal interpretazzjoni."*

Kif diġa ċitat klawsola 2.3 u 2.3.1 tgħid hekk -

*"2.3* ***If the suspensive condition is not fulfilled <u>for any reason whatsoever</u>****, and is not waived in terms of 2.2 then –*

*2.3.1 this Agreement (other than 1, this 2 and 7 to 8 (both inclusive), by which the Parties will remain bound) will cease to be of any force and effect;"*

Id-diċitura hija ċara – jekk il-kundizzjoni suspensiva ma tiġix fulfilled/onorata **għal kwalunkwe raġuni**, u ma jkunx hemm *waiver* (li f'dan il-każ ma kienx hemm) il-ftehim bejn il-kontendenti fil-kawża odjerna jitlef il-forza u l-effett kollu tiegħu. Il-partijiet ma għamlu ebda kwalifika u ma eskludew ebda raġuni mill-applikabilita' ta' din il-klawsola. Anzi żiedu fl-istess artikolu illi f'dan il-kaz: *"2.3.3 neither Party will have any claim against the other as a result of the failure of the suspensive condition,";* **Ergo *pacta sunt servanda*.**

7. Huwa minnu li kif jipprovdi l-artikolu 993 tal-Kap 16 "*il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi"*. Iżda allegat n-nuqqas ta' buona fidi da parti tas-soċjeta' konvenuta kienet prova li tispetta lis-soċjeta' attriċi ġġibha. L-unika ħaġa li semmiet is-soċjeta' attriċi fil-provi tagħha kienet li, skont kif xehed David Harry Shimkins, s-soċjeta' konvenuta ma onoratx l-obbligi tal-

ftehim "*presumably because of financial difficulties*[18]*.*" Iżda preżunzjoni waħedha mhux biss mhijiex prova iżda fi kwalunkwe każ, kif ingħad, il-ftehim bejn il-partijiet ma rristrinġiex ir-raġunijiet li setgħu iwasslu għall-estinsjoni tal-effetti tal-ftehim bejn il-partijiet fil-kawża tal-lum. Li jfisser illi kieku *dato ma non concesso* d-diffikultajiet tas-soċjeta' konvenuta li wassluha biex ma titrasferix l-ishma u ma tħallasx l-*Exit Price* indikat fil-*Genesis Agreement* kienu marbuta ma' diffikultajiet finanzjarji ma kien se jitbiddel xejn mill-konklużjonijiet tal-Qorti fil-każ tal-lum.

Għaldaqstant it-talbiet attriċi ma jistgħux jintlaqgħu għax f'dan l-istadju, u mill-provi li tressqu, l-konklużjoni tal-Qorti hi li għar-raġunijiet suesposti l-konvenju bejn il-partijiet tilef l-effetti tiegħu għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Għal kull buon fini jiġi osservat li s-soċjeta' konvenuta ssollevat ukoll l-intempestivita' tal-azzjoni attriċi għax fil-fehma tagħha ż-żmien li fih setgħet tiġi eżerċitata l-wegħda tal-bejgħ għadu ma bediex jiddekorri. Il-Qorti iżda tqis li dan mhux il-każ. Indipendentement mill-fatt li fil-mertu ma ngħatax raġun, is-soċjeta' attriċi aġixxiet ai termini tal-**artikolu 1357 tal-Kap 16** li jipprovdi hekk -

*"(1) Il-wegħda ta' bejgħ ta' ħaġa bi prezz determinat, jew bi prezz li għandu jiġi stabbilit minn persuna waħda jew iżjed bħalma jingħad fl-artikoli ta' qabel dan, ma titqiesx bejgħ; iżda, jekk tiġi aċċettata, iġġib, f'dak li wiegħed, l-obbligu li jagħmel il-bejgħ, jew, jekk il-bejgħ ma jkunx jista' iżjed isir, l-obbligu li jħallas id-danni lill-accettant.*

[18] Fol 96

*(2) L-effett ta' din il-wegħda jispiċċa meta jagħlaq iż-żmien miftiehem bejn il-partijiet għal hekk jew, jekk ma jkun hemm ebda ftehim bħal dak, meta jgħaddu tliet xhur minn dak inhar li l-bejgħ ikun jista' jsir, kemm-il darba l-aċċettant ma jsejjaħx lil dak li wiegħed, b'att ġudizzjarju ppreżentat qabel ma jgħaddi ż-żmien applikabbli kif intqal qabel, sabiex jagħmel il-bejgħ, u kemm-il darba, fil-każ li dak li wiegħed jonqos li jagħmel hekk, it-talba b'rikors ġuramentat sabiex titwettaq il-wegħda ma tiġix ippreżentata fi żmien tletin jum minn meta jagħlaq l-imsemmi żmien."*

In kwantu għalhekk l-ittra uffiċjali tas-soċjeta' attriċi ġiet intavolata fit-13 ta' Frar 2017 u ċioe' qabel l-għeluq tat-terminu tal-konvenju, liema ittra ġiet debitament segwita bil-kawża odjerna, ma hemm ebda kwistjoni ta' ntempestivita' tal-kawża.

In fine, u in vista tal-fatt li t-talbiet attriċi sejrin jiġu respinti, ma hemm ebda lok li l-Qorti tindaga dwar is-sottomissjonijiet tas-soċjeta' konvenuta rigwardanti r-rata tal-imgħax fuq il-Purchase Price fil-konvenju bejn il-kontendenti fil-kawża.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad it-talbiet attriċi.**

**L-ispejjeż ikunu a karigu tas-soċjeta' attriċi.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**